Kunsill Lokali Ħal Tarxien

# Rapport Annwali Amministrattiv

Jannar– Diċembru

2021

73, TRIQ SANTA MARIJA, ĦAL TARXIEN TXN 1704

# *Table of Contents*


**1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku ........ 3**

**2.0 Il-Kunsill Lokali ........ 4**

2.1 Il-Kunsill ........ 4

2.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera ........ 5

2.3 Seduti tal-Kunsill Lokali ........ 6

2.4 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill ........ 6

**3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali ........ 7**

3.1 Il-Finanzi ........ 7

**4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali ........ 9**

4.1 Dettall tar-rapport ta' ħidma implimentat mis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsilliera ........ 9

4.2 Konkluzjoni ........ 13

# 1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku

Hekk kif ġie maħtur il-kunsill preżenti f'Lulju tal-2019, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien ta importanza kbira lill-indafa bl-għan li jeduka lir-residenti biex iżommu r-raħal nadif. Bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, ġew irranġati diversi toroq u bankini. Bdil ta' tabelli, żebgħa tar-*road markings* u manutenzjonijiet oħra f'żoni differenti se jibqgħu jkomplu jsiru ħalli jkolna l-lokal kif suppost.

Is-sena 2021 kienet is-sena fejn il-Kunsill Lokali beda jgħalaq il-proġetti u skemi li applika għalihom. Bis-saħħa tal-LC Care Project, li kienet skema tal-qtates sostenuta mill-Ministeru tal-ħarsien tad-drittijiet tal-annimali, stajna niprovdu disgħa *cat shelters* li tpoġġew fil-ġonna kollha ta' Ħal Tarxien, kif ukoll ikel ghal *cat feeders*. Skema oħra kienet l-Achievers Grant Scheme, li kienet inizjattiva ffinanzjata mill-Ministeru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza, fejn l-għan ewlieni kien li nedukaw iż-żgħażagħ rigward l-importanza ta' dieta tajba u eżerċizzju fiżiku. Parti mill-attivitajiet ta' din l-iskema kienet il-parteċipazzjoni tal-Big Friends Guggen Musik, li hija banda ffurmata minn bandisti żgħażagħ, biex tinħoloq atmosfera ferriħija fit-toroq prinċipali ta' Ħal Tarxien.

Proġett kbir li tlesta lejn l-aħħar tas-sena 2021 kien ir-*Reach Out Centre – Community Hall*. Dan seta' jkun possibli bl-għajnuna li ngħatajna mill-fondi Norveġiżi biex b'hekk, ix-xewqa tal-Kunsill Lokali li jkun jista' jipprovdi spazju għall-attivitajiet varji u tagħlim lir-residenti ta' kull eta', saret realta'. Bis-sehem ta' Infrastructure Malta, stajna nwettqu ukoll il-parkeġġ ta' ħdejn l-iskola, proġett li kien ilhu snin biex isir.

Aktar proġetti ppjanati fiż-żmien li ġej u li se jkunu ta' kontribut kbir għar-residenti Tarxiniżi huma l-van tal-elettriku, bl-għajnuna ta' Transport Malta u r-rinovazzjoni tal-Pjazza, mplimentata minn Infrastrcuture Malta. Il-van tal-elettriku se jiċċirkola mar-raħal kollhu u ser ikun għar-residenti li għandhom il-fuq minn 60 sena, biex dawn ikunu jistgħu jaqdu l-qadi tagħhom fiż-żoni tal-madwar u b'hekk innaqsu l-inkonvenjenzi li r-residenti ta' din l-eta' jiltaqgħu magħhom ta' kuljum.

Nixtieq ngħalaq id-diskors tiegħi billi f'isem il-Kunsill nirringrazzja lil dawk l-entitajiet kollha u l-individwi li b'xi mod kienu ta' sosten kbir fil-proġetti u skemi li ħadna. Nixtieq nirringrazzja ukoll lilkom ir-residenti tas-sapport kontinwu li ttuna biex il-ħidma tal-Kunsill isseħħ.

____________________

Joseph Abela
*Sindku*

# 2.0 Il-Kunsill Lokali

## *2.1 Il-Kunsill*

Ħal Tarxien huwa raħal b'popolazzjoni ta' madwar 8,627 persuna. Għalhekk skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien huwa kompost minn seba` kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu. Matul is-sena 2021, il-Kunsill lokali baqgħa jħejji aktar pjanijiet sabiex sa tmiem l-istess leġislatura, ikun jista' jimplimenta numru ta' inizjattivi u proġetti fil-lokalita' għall-ġid ta' raħal u tal-komunita' tiegħu.

Permezz tar-responsabiltajiet mogħtija lil kull Kunsillier, il-ħidma għar-raħal għaddejja b`kontinwita` u qed jittieħdu inizjattivi sabiex il-Kunsill ikun aktar viċin ir-residenti u nkomplu nsebbħu l-lokalita`kif jixirqila.

Il-parti amministrativa tal-Kunsill Lokali hija immexxija mis- Segretarju Eżekuttiv megħjun minn ħaddiema amministrattivi. Flimkien ma`l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tieħu ħsieb tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet eżekuttivi li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill Lokali.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' ħaddiema assenjati, għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati, li jiġu maħtura mill-Kunsilliera u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħad jiġu diksussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali li jinżammu mill-lanqas darba f`xahar jew meta jkun meħtieġ.

Il-Kunsill Lokali sar aktar viċin il-pubbliku permezz tal-media, ittri mibgħuta fir-residenzi u żewġ laqgħat annwali miftuħa għall-pubbliku fejn il-Kunsill ikun jista` jwassal u jiddiskuti l-ħidma tiegħu u anke jilqgħa suġġerimenti u lmenti tar-residenti.

## 2.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jingħata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jaħdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill ikun iffaċilitat. Għal dan il-għan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku innifisha kif deċiz mis-Sindku kienu dawn:

**Sindku - Joseph Abela Galea responsabbli minn;**

Indafa
Ambjent
Kultura

**Viċi Sindku – Darlene Vella Zammit responsabbli minn**;

Anzjani u Qasam Soċjali
Trasport

**Kunsillier – Neil Portelli responsabbli minn;**

Zagħzagh u Tfal
Sports u Attivitajiet Fiżiċi

**Kunsillier – Thomas Debattista responsabbli minn;**

Infrastruttura
Proġetti Strutturali
Integrazjoni Soċjali

**Kunsillier – Christian Pace responsabbli minn;**

Storja
Komunitajiet

**Kunsillier – Ismael Dalli responsabbli minn;**

Innovazzjoni
Saħħa

**Kunsillier - Anabelle Marmara' responsabbli minn;**

Edukazzjoni
Familja
Ħarsien ta' l-Animali

## 2.3 Seduti tal-Kunsill Lokali

Bejn l-1 ta’ Jannar u l-31 ta’ Dicembru 2021, fit-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali nżammu sbatax il-laqgħa (17) tal-Kunsill, fosthom żewg laqgħat annwali għall-pubbliku fejn ġew ippreżentati r-Rapport Amministrattiv u l-*Budget* għas-sena 2022.

## 2.4 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b’ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor li jinkludi proġetti tal-Kunsill ħafna drabi jkun impenjattiv, xogħol li jkun kontinwu bi preparazzjoni u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta minn Segretarju Eżekuttiv li hu responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani, kif ukoll minn ħames skrivani li jgħinu fl-operat kollhu tal-Kunsill.

Matul din is-sena, l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu għamlu xogħol varjat fuq barra fil-lokal. Fosthom, road markings, tindif ta` ġonna pubbliċi, knis, tindif tal-letrina, installazzjoni ta` tabelli ġodda, tindif ta` spralli u ħafna aktar xogħol siewi fil-lokal Tarxinież.

Apparti s-servizz professjonali dirett lir-residenti, l-Kunsill Lokali jirreġistra l-ilmenti li jidħlu mill-individwi li javviċinaw lill-Kunsill Lokali. Minkejja li kif imtenni jeżisti reġistru, f’sena kalendarja jidħlu mijiet ta’ ilmenti oħra li ma jiġux reġistrati għaliex tittieħed azzjoni dwarhom b’mod immedjat. Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll ilmenti li jaslu għandu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jew minn entitajiet oħra.

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti tokkupa regolarment lill-impjegati tal-Kunsill fuq bażi kwotidjana. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta’ verifika ta’ dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli, kif ukoll jaraw li jinfurmaw lid-dipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbli.

# 3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali

## *3.1 Il-Finanzi*

**Detailed Income**

| | | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2021 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2021 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Income** | | | | |
| 1 | | **Funds received from Cental Government:** | | | | |
| | 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 667,976 | 596,264 | | 596,264 |
| | 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | | | | - |
| | 0005-0019 | Other income | - | | | - |
| | | | **667,976** | **596,264** | - | **596,264** |
| 2 | | **Income raised from Bye-Laws** | | | | |
| | 0021-0025 | Community Services | | | | - |
| | 0026-0035 | Income from Permits | 46,585 | 26,000 | | 26,000 |
| | | | **46,585** | **26,000** | - | **26,000** |
| 3 | | **Local Enforcement Income** | | | | |
| | 0037 | Commission from Regional Committees | | | | - |
| | 0038-0055 | Contraventions | 5,699 | 5,000 | | 5,000 |
| | | | **5,699** | **5,000** | - | **5,000** |
| 4 | | **Investment Income** | | | | |
| | 0091-0095 | Bank interest | 12 | | | - |
| | 0096-0099 | Income received from Govermnet Securities | - | | | - |
| | | | **12** | - | - | - |
| 5 | 0056-0065 | Sponsorships | | | | - |
| | 0066-0069 | Documents & Information | | | | - |
| | 0070-0075 | EU funds | | | | - |
| | 0076-0080 | Twinning | | | | - |
| | 0081-0089 | Insurance Claims | | | | - |
| | 0100-0109 | Donations | | | | - |
| | 0110-0119 | Contributions | | | | - |
| | 0120-0129 | General Income | 4,721 | 54,056 | | 54,056 |
| | | | **4,721** | **54,056** | - | **54,056** |
| | | **Total** | **724,993** | **681,320** | - | **681,320** |

## Detailed Expenditure

| | | DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2021 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2021 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | € | € | € | € |
| 6 i) | | **Personal Emoluments** | | | | |
| | 1100 | Mayor's Allowance | 16,620 | 15,085 | | 15,085 |
| | 1200 | Employees' Salaries & Wages | 84,289 | 92,937 | | 92,937 |
| | 1300 | Bonuses | 8,754 | 9,294 | | 9,294 |
| | 1400 | Income Supplements | 10,759 | | | - |
| | 1500 | Social Security Contributions | 38,155 | 10,802 | | 10,802 |
| | 1600 | Allowances | | 15,708 | | 15,708 |
| | 1700 | Overtime | - | 5,000 | | 5,000 |
| | | | **158,577** | **148,826** | - | **148,826** |
| | | **DESCRIPTION** | € | € | € | € |
| 7 | | **Operations and Maintenance** | | | | |
| | 2100-2149 | Public Utilities | - | | | - |
| | 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 7,711 | 1,800 | | 1,800 |
| | 2300-2399 | Repairs & upkeep | 20,852 | 44,000 | | 44,000 |
| | 2400-2449 | Rent | | | | - |
| | 3010 | Street Lightning | 8,896 | | | - |
| | 3020 | Lease of Equipment | | | | - |
| | 3030 | Insurance | | | | - |
| | 3035 | Bank Charges | 667 | | | - |
| | 3038 | Penalties | | | | - |
| | 3041 | Refuse Collection | 67,346 | | | - |
| | 3042 | Bulky Refuse Collection | 26,608 | 74,000 | | 74,000 |
| | 3043 | Bins on wheels | | 22,000 | | 22,000 |
| | 3045 | Bring in sites | | | | - |
| | 3051 | Road & Street Cleaning | 34,229 | 70,000 | | 70,000 |
| | 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | - | 38,000 | | 38,000 |
| | 3053 | Cleaning of Public Conveniences | - | | | - |
| | 3055 | Cleaning of Council Premises | 1,264 | | | - |
| | 3040 | Waste Disposal | | | | - |
| | 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | 5,236 | 20,000 | | 20,000 |
| | 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | | | | - |
| | 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | | | - |
| | 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | | | - |
| | 6064 | Other Contractual Services | 51,396 | 7,000 | | 7,000 |
| | 3070-3090 | Consultation Fees | | | | - |
| | 3100-3139 | Contract & Project Management | | 8,717 | | 8,717 |
| | 3300-3379 | Hospitality | | | | - |
| | 3380-3389 | Community | | | | - |
| | 3390-3394 | Donations | | | | - |
| | 3600-3694 | Local Enforcement Expenses | - | | | - |
| | 3700-3799 | EU Projects | - | | | - |
| | 3800-3899 | Twinning | - | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | **224,205** | **285,517** | - | **285,517** |
| 8 | | **Administration** | | | | |
| | 2150-2199 | Office Utilities | 8,210 | 6,500 | | 6,500 |
| | 2260-2299 | Office Materials & Supplies | 2,750 | | | - |
| | 2450-2499 | Office Rent | 11,748 | 1,200 | | 1,200 |
| | 2500-2599 | National & International Memberships | - | 1,700 | | 1,700 |
| | 2600-2699 | Office Services | 9,299 | 7,500 | | 7,500 |
| | 2700-2799 | Transport | 1,354 | 2,000 | | 2,000 |
| | 2800-2899 | Travel | - | | | - |
| | 2900-2999 | Information Services | 570 | 150 | | 150 |
| | 3050 | Office Cleaning | - | | | - |
| | 3410-3199 | Professional Services | 23,348 | 15,000 | | 15,000 |
| | 3200-3299 | Training | - | | | - |
| | 3345 | Office Hospitality | 20,448 | 3,000 | | 3,000 |
| | 3400-3499 | Incidental Expenses | (13,490) | | | - |
| | ontractual services | | 21,443 | | | - |
| | | | **85,680** | **37,050** | - | **37,050** |
| 9 | | **Finance Costs** | | | | |
| | 3036 | Interest on Bank Loan | - | | | - |
| | | bank fees + IFRS 16 | - | 1,750 | | 1,750 |
| | | | - | **1,750** | - | **1,750** |

# 4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## *4.1 Dettall tar-rapport ta’ ħidma implimentat mis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsilliera*

**Joseph Abela Galea**
**Sindku responsabbli mill-Indafu u Ambjent**

Kien ta’ pjaċir u dedikazzjoni li nkompli nara dan ir-raħal jispikka fl-indafa ta' kuljum u fl-ambjent li jsawruh, biex b’hekk jgħamluh raħal uniku u antik fl-istorja tiegħu.

Matul is-sena li għaddiet, fl-għeqqel żmien tal-pandemija, ġie ffirmat Memorandum bejn il-Kunsill tagħna u l-Cleansing Department. Permezz ta’ dan il-ftehim, it-toroq prinċipali tar-raħal inkluż il-bankini, bdew jiġu mnadfa u maħsula darbtejn fix-xahar. Ġejna mogħtija ukoll bins kbar mill-isbaħ minn għand il-Cleansing Department stess. Dawn twaħlu fi Pjazza Agatha Barbara u fi ġnien Joanne.

Ix-xogħol u l-ħidma ta' kuljum fl-indafa kompliet fil-ġonna u t-toroq tal-madwar. Sar ukoll qtugħ ta' ħaxix minn żoni differenti bl-għan li nilħqu kull rokna tar-raħal. Nemmen li t-telqa fl-ambjent tirrifletti f’dehra mhux xierqa kif ukoll f’ raħal diżorganizzat. Għalhekk bdew isiru manutenzjonijiet fl-għamara tat-toroq bħal ballards u ħasil ta’ tabelli u mirja, kif ukoll żebgħat tal-bankijiet li qegħdin iżejnu wesgħat differenti madwar ir-raħal.

Matul is-sena li għaddiet, ir-raħal tagħna ġie ppremjat t-tieni post fil-"*Waste Management Award*". Grazzi lil dawk kollha li emnu fina u fil-ħidma tagħna. Bil-fondi li ngħatajna xtrajna *doggy bins* u boroż suwed biex jibdew jintużaw għal ġbir ta’ skart. Permezz ta’ dan il-premju, investejna ukoll fir-restawr ta’ niċċa antika li tinsab fil-pjazza prinċipali. Din is-sena ser issir rinovazzjoni ta’ żewġ ġonna li huma ġnien Velico Turnovo u ġnien Joanne. Dawn ser jiġu tranġati u mgħamra b’dawl dekorattiv u attrazzjonijiet mill-isbaħ. Fi żmien li ġej, ser tibda ukoll il-manutenzjoni fil-ġonna l-oħra biex ikollhom dehra isbaħ u aħjar u b’hekk ikunu jistgħu jitgawdew mill-familji tagħna.

Inħarsu l-quddiem għal aktar ħidma fost ir-residenti tagħna biex ikollna aktar indafa u ambjent mill-isbaħ ġor-raħal għażiż tagħna.

**Darlene Vella Zammit**
**Vici Sindku responsabbli mill-Anzjani, Qasam Socjali u Trasport**

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tagħna li bl-għaqal tagħha u tagħna lkoll stajna naslu biex illum il-ġurnata rnexxilna nagħmlu proġett kbir fir-*reach out centre* fejn fih ser issiru diversi taħriġ.

Fejn jidħol il-qasam tat-transport, ix-xogħol li kont ili naħdem għalih rigward rranġar tad-direzzjonijiet tat-traffiku, ġew implimentati. B'hekk, illum il-ġurnata naqqasna l-konfużjoni li kien hemm fit-Triq San Anard.

Din is-sena ser inkompli naħdem biex isiru żewġ sleeping police; waħda San Anard, kantuniera ma' Triq il-Knisja u oħra San Anard, kantuniera ma' Triq il-Witja. Barra minn hekk, isir ukoll it-titjieb tad-direzzjonijiet tat-traffiku fl-akwati bħalma huma Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq Dun Karm Sant u Triq Il-Wilġa u ġnien Penza. Ser isir tibdil fit-tabelli ta' ċertu toroq li huma l-iktar prijorita' bħal Triq Santa Marija, li hemm fejn kien il-bank l-antik u Triq Il-25 ta' Marzu. Hemm pjanat ukoll aktar tibdil ta' tabelli minħabba d-direzzjoni mad-dawra tal-ġnien 2000.

Is-sena l-oħra ġie organizzat party tal-Milied għal-anzjani tagħna fejn kien ta' suċċess kbir b'permezz ta' attendenza numeruża. Din is-sena nkomplu norganizzaw attivitajiet fejn jidħol dan id-dekasteru tal-anzjani, issa hekk kif il-pandemija qed tbatti.

Barra minn hekk, lejn l-aħħar ta' din is-sena, ser jiġi ntrodott van tal-elettriku għal-anzjani tagħna u dan grazzi għall-Transport Malta, fejn permezz ta` kompetizzjoni li ntroduċiet, irnexxilna nirbħu t-tieni premju. Il-van se jkun finanzjat minn Transport Malta u l-Kunsill Lokali. Grazzi lis-Segretarju Eżekuttiv għax minghajr l-għajnuna tagħha dan ma kienx ikun possibli.

Grazzi lil kulħadd tal-koperazzjoni tagħkom magħna.

**Neil Portelli**
**Kunsillier responsabbli miz-Zaghzagh, Tfal, Sports u Attivitajiet**

Tul din l-aħħar sena, bħala pajjiż, erġajna ffaċjajna sfidi li reġgħet ġabet magħha l-pandemija u għaldaqstant illimitaw l-operat tad-dekasteru li jin responsabbli minnu, dak taż-Żgħażagħ, Sports, Tfal u Attivitajiet Fiżiċi.

Wara ħafna posponimenti fir-rigward tal-iskema *Achievers 19*, li saru minħabba ir-restrizzjonijiet imposti b'kawża tal-pandemija, l-attivitajiet marbuta ma' din l-iskema seħħew fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru 2021. L-attivitajiet kienu maqsumin f'żewġ partijiet. L-ewwel parti kienet tikkonsisti minn sessjoni ta' informazzjoni għaż-żgħażagħ sabiex jikber l-għarfien u l-importanza tal-attivita' fiżika u n-nutrizzjoni fil-ħajja tagħna ta' kuljum. It-tieni parti tal-attivita' ħadet il-forma ta' attivita' festiva fejn banda ffurmata minn numru ta' żgħażagħ allegrat lil poplu Tarxiniż b'diski festivi marbutin maż-żmien sabiħ tal-Milied. L-iskop ewlieni ta' din l-attivita' kien l-importanza tal-involviment taż-żgħażagħ fil-kultura Matija. Tajjeb li nsemmu li waqt dawn l'attivitajiet ġew osservati l-miżuri imposti mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika.

Hekk kif kollox qiegħed jindika lil-maġġor parti tar-restrizzjonijiet imposti ser ikunu qegħdin jiġu rilaxxati, ninsab kommess li naħdem sabiex jiġu organizzati attivitajiet immirati li nżidu l-parteċipazzjoni u attivismu żgħażugħ ġewwa r-raħal tagħna.

Nieħu din l-opportunita' sabiex nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu li tagħtuna flimkien bħala Kunsill sabiex nibqgħu naħdmu għal dan ir-raħal għażiż tagħna.

**Thomas Debattista**
**Kunsillier responsabbli minn Infrastruttura, Progetti Strutturali, Integrazzjoni**

Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali fis-sena 2021 hija vasta ħafna fuq id-dekasteru li jien ġejt fdat biex naghmel, li huma; Infrastruttura, Progetti Strutturali u Integrazzzjoni Soċjali.

Matul is-sena saru t-toroq li għaddew minnu l-cable tal-Enemalta. Dawn huma; Triq Xintill, Triq Birżebbuġia, Triq il-Knisja, Triq San Anard, Triq Francesco Crispy, Triq Gużeppi Montebello u Triq Paola. Aktar toroq oħra huma ppjanti li jsiru fiż-żmien li ġej. Għamilna wkoll il-parkeġġ ta' ħdejn l-iskola tal-primarja li jinsab fi pjazza Agatha Barbara.

Dan kollu sar bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali u bl-għajnuna ta' l-Infrastructure Malta. Kollox mexa tajjeb, għalkemm sibna ħafna ħsarat fl-ilma, dranaġġ, kalvers ta' ilma, fost l-oħrajn.

Fil-Proġetti strutturali u integrazzjoni soċjali, dejjem inħares il-quddiem biex inkun ta' għajnuna għar-residenti Tarxiniżi.

Grazzi ħafna lis-Sindku, lill-Viċi Sindku, lil Sħabi l-Kunsilliera kollha u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-koperazzjoni tagħhom.

**Christian Pace**
**Kunsillier responsabbli minn Storja, Komunitajiet u Kultura**

Is-sena 2021 reġgħet kienet sena diffiċli ferm minħabba l-pandemija tal-Covid li laqtet lid-dinja kollha u li minħabba f'hekk, għall-sena oħra, diversi proġetti u attivitajiet kellhom jiġu mħassra, fosthom il-karnival, attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, il-festa ta' Marija Annunzjata u anka il-festa tal-Madonna tad-Duttrina, li ġew iċċelebrati fil-Knisja biss.

Bħala Kunsill ġejna avviċinati mill-Ministeru tal-Intern, Sigurta Nazzjonali u l'Infurzar tal-Liġi rigward fondi li konna ntitolati għalijhom mill-LESA bħala Kunsill Lokali. Dawn il-fondi ġew mgħoddija lil għaqdiet tar-raħal tagħna li huma NGO's, biex jkunu jistgħu jwettqu l-proġetti li jkollhom bżonn.

Il-Hadd 27 ta' Ġunju, organizzajna Jum Ħal Tarxien. Din il-ġurnata ġiet iddedikata lil għaqdiet tar-raħal tagħna. Wara li ġiet ikkonċelebrata quddies mill-wisq Reverendu Arċipriet Chris Ellul, tajna tifkira lil għaqdiet bħala sinjal t'apprezzament u kuraġġ għal dak li kienu qed jgħaddu minnhu matul il-pandemija. Għall-Jum Hal Tarxien tajna ukoll il-premju ta' 'Gieh Ħal Tarxien', fejn dan ingħata lil mibki artist Tarxiniż Renzo Gauci. Dan sar wara li jien ipproponejt lil Renzo u b'vot unanimu qbilna li dan il-ġieh jingħata lilu. Kien għalhekk li stedinna lis-Sinjura Gauci, armla ta' Renzo, biex tattendi għall-quddies u wara b'sorpriża għalijha, ppreżentajnila 'Gieh Ħal Tarxien', f'isem żewġa.

Mill-aħħar weekend ta' Novembru stajna ngawdu it-tiżjin tal-Milied fit-toroq tagħna. Din is-sena żidna t-tiżjin fit-Triq Palma, fejn il-qofol kien il-Christmas Tree tad-dawl kbira li ntramat fir-*roundabout*. Tassew kelna raħal mżejjen sabiħ grazzi għall-kuntratturi kif ukoll grazzi għall-għaqal tal-Kunsill, li taħt it-tmexxija tas-Sindku Joseph Abela Galea u is-Segretarju Eżekuttiv Emma Vella, stajna ngawdu minn dan l-armar li żgur daħħalna aktar fl-atmosfera. Bi pjacir, għall-ewwel darba ukoll, intlaħħaq ftehim ma' tlett għaqdiet tar-raħal li huma l-Kumissjoni tal-Armar Marija Annunzjata, Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina u l-Għaqda Kultura u Armar Marija Annunzjata, fejn dawn taw l-għajnuna tagħhom billi tellaw l-arbli li magħhom stajna narmaw l-armar tal-Milied. Dan il-ftehim għandu issa jiġi maqbul biex kull sena issir rotazzjoni ta' fejn jarmaw l-arbli. Erġajna organizzajna ukoll il-Father Christmas biex idur mat-toroq tar-raħal tagħna, fejn ferraħna lit-tfal u lil kbar eżatt ftit qabel il-Milied.

Minn naħa tiegħi ħassejt li kellhi nirriżenja minn parti mid-dekasteru tiegħi li hija dik tal-Għaqdiet. Ir-raġunijiet il-għaliex jien ħadt dan il-pass ngħatihom aktar il-quddiem fil-ħin opportun. Kienet deċiżjoni diffiċli hafna imma għamilt dan għal ġid ta' kullhadd. Nirringranzja lil għaqdiet u nwiegħed li jien ser nibqa qrib tagħhom aktar minn qatt qabel.

**Ishmael Dalli**
**Kunsillier responsabbli minn Innovazzjoni u Saħħa**

Ir-rapport ma ntbghatx.

**Anabelle Marmara'**
**Kunsilliera responsabbli minn Edukazzjoni, Familja u Ħarsien ta' l-Animali**

Ir-rapport ma ntbghatx.

## *4.2 Konkluzjoni*

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien għas-sena 2021 (Jannar-Dicembru). Ta' min jinnota li matul is-sena, apparti l-ħidma bla waqfien li saret mis-Sindku, l-Vici Sindku u l- Kunsilliera, saru ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill, kemm dawk klerikali kif ukoll il-ħaddiema assenjati flimkien mas-Segretarji Eżekuttiv.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz lir-residenti tiegħu, għaliex dan huwa l-għan tal-ħidma tal-istess Kunsill u ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod il-quddiem.

________________

Emma Vella
*Segretarju Eżekuttiv*